# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 1198/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Kurt Michael Buttigieg (KI 213090M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Novembru 2024, li permezz tiegħu l-Bank rikorrenti HSBC Bank Malta plc, bil-ġurament ta' Dr Ralph Agius Fernandez, talab is-segwenti:

> *1. Illi in forza ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona tal-25 ta' Jannar 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A), il-Bank attur ikkonċeda faċilita` bankarja ta' self lill-konvenut fl-ammont ta' mija, ħamsa u għoxrin elf Ewro (€125,000), u dan abbażi ta' Sanction Letter maħruġa fil-21 ta' Diċembru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B);*
>
> *2. Illi l-konvenut ma baqax jagħmel dawk il-pagamenti in linea mal-obbligi assunti minnu u stipulati fl-imsemmija kuntratt u Sanction Letter relattiv għall-istess u kawża t'hekk huwa tilef il-benefiċċju taż-żmien mogħti lilu permezz tal-istess kuntratt u Sanction Letter;*
>
> *3. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat biex iħallas id-debitu dovut permezz ta' ittra uffiċjali datat it-3 ta' Mejju 2024 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C), huwa baqa' inadempjenti u konsegwentement il-bilanċ intier sar dovut f'daqqa;*

*4. Illi fuq dan il-kont, il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank fis-somma totali ta' mija u sitt elef, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€106,872.90) rappreżentanti kapital, u elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,552.84) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Ottubru 2024, kif rifless fl-istatement hawn anness bħala Dok. D, u dan oltre imgħax legali ulterjuri dovut mill-10 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenut Buttigieg huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sitt elef, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€106,872.90) rappreżentanti kapital u elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,552.84) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mill-10 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(ii)Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur is-somma ta' mija u sitt elef, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€106,872.90) rappreżentanti kapital u elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,552.84) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mill-10 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali surreferita bin-numru 1796/24 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fis 26 ta' Novembru 2024 il-kawża ġiet appuntata għall-24 ta' Jannar 2025 fl-10.30am.

3. Rat illi l-intimat Kurt Michael Buttigieg ġie debitament notifikat fid-9 ta' Diċembru 2024.

4. Rat illi ma daħlitx risposta da' parte ta' l-intimat Kurt Michael Buttigieg fit-terminu mogħti lilu skond il-Liġi.

5. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2025, l-intimat, imsejjaħ diversi drabi ma deherx.

6. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2025, l-intimat ġie dikjarat kontumaċi.

7. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2025, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat l-affidavit ta' Doreen Cunningham flimkien ma' dokumentazzjoni.

8. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2025, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex provi x'tippreżenta u ma kellhiex sottomissjonijiet x'tagħmel u li għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

9. Rat illi, in vista tal-kontumaċja ta' l-intimat, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet ta' l-intimat skond il-Liġi.
10. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża llum, l-intimat ma deherx u, sa llum, ma daħlu ebda sottomissjonijiet da' parte tiegħu.
11. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti insistiet illi l-kawża tmur għas-sentenza.
12. Rat illi l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.
13. Rat illi meta reġgħet issejħet il-kawża, reġa' ma deherx l-intimat.
14. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi l-konvenut Kurt Michael Buttigieg huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sitt elef, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€106,872.90) rappreżentanti kapital u elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,552.84) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Ottubru 2024;

**Tikkundanna** lill-istess konvenut Kurt Michael Buttigieg iħallas lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' mija u tmint elef, erbgħa mija u ħamsa u għoxrin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (108,425.74) rappreżentanti mija u sitt elef, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€106,872.90) rappreżentanti kapital u elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,552.84) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sad-9 ta' Ottubru 2024;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1796/24 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut.

Bl-imgħax mill-10 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**